MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 253/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Matthew Degiorgio**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Matthew Degiorgio talli fil-15 ta’ April 2007 ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta’ filghodu:

(1) Daqq muzika amplifikata fil-post kummercjali bl-isem ta’ “Gianpula Disco” sitwat fi Triq Gianpula, limiti tar-Rabat, Malta, b’mod li kienet tinstema’ minn barra l-post;

(2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi daqq muzika amplifikata fil-post kummercjali bl-isem ta’ “Gianpula Disco” sitwat fi Triq Gianpula, limiti tar-Rabat, Malta,

minghajr licenzja mahruga mill-awtorita` kompetenti biex tindaqq muzika amplifikata f'dan il-hin;

(3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu fil-licenzja mahruga mill-awtorita` kompetenti tal-post kummercjali bl-isem ta' "Gianpula Disco" sitwat fi Triq Gianpula, limiti tar-Rabat, Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li timponi l-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tal-licenzja ta' dan il-fond kummercjali ghal dak il-perijodu ta' zmien li jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-20 ta' Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli [*recte:* regolamenti] 38(2)(c) u 28(2)(B) [*recte:* 28(2)(b)] ta' l-Avviz Legali [1 ta' l-2006] imsejjah Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Licenzi tal-Kummerc u l-artikolu 338(gg) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Matthew Degiorgio hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' hamsin liri Maltin (Lm50);

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Matthew Degiorgio li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant isostni li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mhumiex sostenibbli.

Dwar l-ewwel imputazzjoni l-appellant josserva illi ghalkemm il-muzika nstemghet minn barra, trid tittiehed konsiderazzjoni ta' fejn tinsab id-diskoteka in kwistjoni, u

cioe` f'nofs il-kampanja boghod minn kull abitat. Skond l-appellant, is-sens tal-ligi hu li tali muzika trid tohloq inkonvenjent lill-girien jew abitazzjonijiet fil-vicinanzi u bhala tali dan huwa impossibbli. Barra minn hekk, ikompli jghid, ghalkemm kienet tinstema' xi muzika, din ma kinitx gholja peress li fl-4.00 a.m. l-appellant ta struzzjonijiet biex jitnaqqas il-volum u gew servuti l-ahhar *drinks*. L-appellant jghid li ma jistax wiehed jippretendi li jitfa' lil kulhadd 'il barra bil-forza.

B'dan l-aggravju l-appellant mhuwiex qieghed jichad li kien qieghed idoqq il-muzika fil-hin li marru l-Pulizija. Bhalma xehed ukoll quddiem din il-Qorti, huwa jikkontendi li l-muzika kienet baxxa u li m'hemmx abitazzjonijiet madwar id-diskoteka. Issa, permezz ta' l-ewwel imputazzjoni qieghed jigi akkuzat bi ksur tar-regolament 38(2)(c) ta' l-Avviz Legali 1 tas-sena 2006 li jipprovdi li "d-daqq tal-muzika b'kull mezz gewwa post kummercjali li jkun licenzjat biex idoqq muzika amplifikata b'tali mod li jinstema' minn barra tal-post f'kull zona huwa projbit wara l-11.00 p.m., b'eccezzjoni ghal dawk iz-zoni gewwa Bugibba, il-Qawra u Paceville, kif stabbiliti fil-Hames Skeda, fejn id-daqq ma jistax jinstema' minn barra tal-post wara s-1.00 a.m.". Id-diskoteka msemmija ghandha licenzja sabiex topera sa l-4.00 a.m. Il-hin li fih instemghet il-muzika minn barra kien <u>wara</u> l-4.00 a.m. Dan ikkonfermawh P.C. 934 Owen Bilocca u P.C. 580 Ismael Mercieca li marru fil-post fl-4.45 a.m. wara telefonata anonima dwar muzika gholja li qed tinstema' gejja min-naha ta' Gianpula. Huma kkonfermaw ukoll li bdew jisimghu l-muzika hekk kif taqbez in-nizla tas-Saqqajja. Altru mela milli ma kienx qed johloq inkonvenjent. L-appellant jghid li wiehed ma jistax jippretendi li ghandu jitfa' lin-nies barra bil-forza. Hekk hu, izda fl-istess hin huwa fid-dmir li josserva l-ligi u ghalhekk jekk se jkollu l-muzika din trid tkun baxxa u fl-4.00 a.m. il-muzika ghandha tintefa' ghal kollox. Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

Dwar it-tieni imputazzjoni l-appellant jghid li r-reat kontemplat fl-artikolu 28(2)(B) ta' l-Avviz Legali 1 tas-sena 2006 ma setax jimmaterjalizza di fronte tieghu peress illi l-

imsemmi artikolu japplika ghal bejjiegha fit-toroq jew bil-posta u ma hemm ebda dubju li l-gestjoni tad-diskoteka “Gianpula” ma taqa’ f’ebda wahda minn dawn il-kategoriji. Fi kwalunkwe kaz, ikompli l-appellant, ma giex ippruvat li huwa iben il-*licensee*, ghalkemm l-anqas l-imputazzjoni nnifisha ma tippostula dan ix-xorta ta’ reat.

Ir-regolament 28(2)(b) ta’ l-Avviz Legali 1 tas-sena 2006 jirreferi ghall-possibilita` li iben jew bint bejjiegh bil-posta jew fit-toroq jigu nominati bhala persuni sostituti ghall-ghan tar-regolamenti msemmija. Id-diskoteka in kwistjoni ma tikkwalifikax bhala suq fil-berah u inoltre r-regolament imsemmi mhuwiex qieghed johloq reat izda jiddetermina min jista’ jkun nominat bhala sostitut. Ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati, kif instab mill-ewwel Qorti, ghal ksur tar-regolament 28(2)(b) ta’ l-Avviz Legali 1 tas-sena 2006. B’hekk it-tieni aggravju qieghed jigi milqugh.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-appellant jghid li ma seta’ qatt jigi akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mil-licenzja mahruga mill-awtorita` peress illi huwa kien is-sostitut u mhux il-*licensee*. Dan ir-reat jista’ jikkonfigura biss fil-konfront tal-*licensee* Roger Degiorgio ghan-nom ta’ Elvaston Co. Ltd. Il-kundizzjonijiet jindirizzaw lil-*licensee*, tant li fil-parti tal-licenzja intitolata “General Provisions” f’para. (b) hemm imnizzel li huwa dan li ghandu jassigura li jigu mharsa l-ligijiet tal-pajjiz u mhux is-sostitut.

Dan l-aggravju huwa fieragh ghal kollox. Is-sostitut huwa responsabbli li josserva l-ligijiet daqs kemm huwa fid-dover li josservahom il-*licensee* u l-appellant qieghed indikat bhala sostitut fuq il-licenzja stess (a fol. 5 tal-process).

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva illi r-regolament 53 ta’ l-Avviz Legali 1 tas-sena 2006 jipprovdi li kull min jikser xi disposizzjoni tar-regolamenti msemmija jehel, meta jinstab hati, l-istess pieni bhal dawk stabbiliti taht l-artikolu 29 ta’ l-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc (Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta). Il-pieni stabbiliti bl-artikolu 29 imsemmi huma dawk ta’ l-*ammenda*, sija f’kaz ta’ l-ewwel reat, sija f’kaz tat-tieni reat jew aktar u sija fil-kaz ta’ reat

kontinwat. F’dan il-kaz, stante li si tratta ta’ l-ewwel reat, il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni hija dik ta’ *ammenda* ta’ mhux inqas minn hamsin lira izda mhux izjed minn hames mitt lira. Imbaghad il-pieni dwar ir-reat taht l-artikolu 338(gg) tal-Kap. 9 huma dawk tal-kontravvenzjonijiet, fosthom l-*ammenda*. F’dan il-kaz pero` hemm lok ta’ l-applikazzjoni tal-paragrafu (h) ta’ l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali f’dik li hi r-relazzjoni bejn l-ewwel imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx timponi l-piena tal-multa u ghalhekk sejra tigi riformata l-piena f’dan is-sens.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, tiddikjarah mhux hati taghha u minnha tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta’ *multa* ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ *ammenda* ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------